MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2014

Numru 42/2010

**Il-Pulizija**

**(Spettur Josric Mifsud)**

**VS**

**Vito Aufieri ta' 47 sena bin Giovanni u Maria nee' Giorgio imwieled Pieta', nhar it-08 ta' Lulju 1965, residenti fil-fond numru 31, Fair View, Triq Guze' Ellul, Pieta' u detentur tal-karta ta'l-identita bin-numru 323265(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Vito Aufieri akkuzat talli nhar it-13 ta' April 2010 gewwa Pjazza tal-Katidral, Cittadella, Rabat (Ghawdex), ghal habta ta' bejn

is-siegha u nofs u is-saghtejn nieqes ghoxrin (1330 – 1340hrs) ta' wara nofs in-nhar,

a) minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' John Vella f'periklu car, ikkagunalu griehi ta' natura gravi.
b) talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebb kontra John Vella sabiex jingurja, idejjaq jew jaghmel hsara lil din il-persuna jew lil haddiehor, u dan bi ksur tal-artikolu 339(1)(d) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.
c) ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, b'ghajjat u bil-glied, u dana bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebieti u l-atti kollha ta' dana il-procediment.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali tas-26 ta' April 2010 sabiex l-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Semghet il-provi.

Semghet trattazzjoni

Ikkunsidrat,

Illi l-provi f'dina l-kawza jikkonsistu biss fix-xhieda tas-Surgent 559 Jason Spiteri li nvestiga dana l-incident, dik tat-tobba li dewwew lill-imputat u lil parti leza mill-griehi li sofrew u finalment ix-xhieda tat-tnejn minn nies, protagonisti ta' dina l-glieda.

Illi qabel xejn jigi rilevat illi d-difiza matul il-kors tat-trattazzjoni issollevata l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kriminali ghall-akkuzi bl-ittri "b" u "c". Dana ghaliex mill-atti jirrizulta illi fis-seduta tas-17 ta' Frar 2011 l-Ufficjal Prosekutur talab korrezzjoni fl-akkuza u dana fil-post fejn sehh l-incident mertu tal-kawza. Dak in-nhar l-imputat ta ruhu b'notifikat bl-akkuza kif korretta. Illi d-difiza targumenta illi l-Qorti ghandha tqies dina l-gurnata bhala il-gurnata meta l-imputat allura gie notifikat bl-akkuza u

kwindi l-azzjoni kriminali ghall-akkuzi kontravvenzjonali kif ikkontemplat fl-artikolu 688(f) tal-Kodici Kriminali iddekorra bit-terminu ta' tlett xhur mid-data meta sehh l-kaz.

Illi hija rilevanti s-sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fil-kawza **'Il-Pulizija vs Miriam Gravina"** [9.6.1995] (per V. DeGaetano, J.), fejn gie ritenut li "biex f'cirkostanzi analogi tirnexxi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, irid ikun il-kaz li bil-korrezzjoni mitluba u akkordata l-fatti imputati lill-appellat iridu jkunu qeghdin b'xi mod jinbidlu u ma jridx ikun xi kaz ta' *lapsus calami* …..u ghalhekk kienet intalbet il-korrezzjoni opportuna. F'kazijiet ta' korrezzjoni ta' xi zball simili … l-korrezzjoni setghet anki ntalbet u ntlaqghet wara li jkunu bdew jinstemghu l-provi u l-imputat lanqas ikun intitolat ghal xi differiment biex tigi notifikata mill-gdid l-imputazzjoni, peress li l-imputazzjoni tkun baqghet sostanzjalment l-istess u b'tali korrezzjoni l-imputat ma jkunx gie pregudikat b'ebda mod fid-difiza tieghu. 'Arguendo a contrario sensu', fejn allura it-tibdil mitlub ikun ser ibiddel il-pozizzjoni sostanzjalment, allura l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tista' tirnexxi."

Illi fil-kaz in dizamina l-Qorti hija tal-fehma illi l-korrezzjoni mitluba mill-Prosekuzzjoni bl-ebda mod ma biddlet il-fattispecje ta' dana il-kaz jew inkella xi difiza sollevata mill-imputat. F'dana il-kaz ma hemmx dubbju illi l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat baqghet essenzjalment l-istess billi l-izball li tieghu intalbet il-korrezzjoni tirreferi mhux in kwantu ghal post fejn sehh l-allegat incident, izda biss ghal isem il-pjazza li gie indikat erronajment bhala "Pjazza l-Assedju ta' Ghawdex" minflok "Pjazza tal-Katidral". Kwindi dina l-eccezzjoni qed tigi respinta.

Ikkunsidrat,

Illi minn ezami ta'l-atti jirrizulta illi l-imputat u l-parte civile kienu gew mitkellma biss mis-surgent Jason Spiteri li kien acceda fuq il-post fil-jum tal-incident. L-imputat u l-parti leza qatt ma gew mitkellma mill-Ufficjal Prosekutur u lanqas ma jidher illi kienet ittiehdetilhom xi stqarrija. Illi dawn it-tnejn minn nies jaghtu verzjoni kemmxejn differenti ta' kif sehhet din l-glieda u min minnhom kien li

ipprovoka l-istess. Jidher illi qabel ma dawn it-tnejn minn nies spiccaw gew fl-idejn kienu gew skambjati xi kliem ta' insulti bejniethom. L-imputat ighid illi kien Vella li hebb ghalih minn wara, filwaqt illi l-parti leza isostni illi kien Aufieri li avvicinah u tah daqqa ta' ponn fuq halqu. Ma hemmx dubbju, madanakollu illi t-tnejn li huma sofrew xi griehi f'dina it-taqtiegha li sehhet bejniethom. Illi ghalhekk ghalkemm jirrizulta kunflitt bejn l-imputat u Vella dwar min hebb ghal min l-ewwel, ma hemmx dubbju illi dawn spiccaw gew fl-idejn u ikkagunaw griehi lil xulxin fil-kollutazzjoni. L-investigazzjonijiet maghmula mill-pulizija ma jitfghux wisq dawl fuq dak li ippreceda dina l-glieda jew ahjar x'wassal ghaliha. Lanqas ma saru xi investigazzjonijiet sabiex jigu rintraccati xi xhieda okulari li setghu kienu presenti. Fuq kollox l-incident sehh proprju barra l-bini tal-Qorti f'Ghawdex, fejn certament kien hemm pulizija jew marixxali presenti f'dak il-mument. Illi l-partijiet it-tnejn jallegaw illi l-incident gie ipprovokat mill-parti l-ohra. Illi l-Qorti, madankollu, hija tal-fehma illi dana ma kienx kaz ta' incident li gie ipprovokat minn xi parti izda kaz fejn tnejn minn nies bdew jargumentaw u spiccaw gew fl-idejn bil-konsegwenza illi t-tnejn li huma sofrew griehi li huma ghal kollox kompatibbli ma' kollutazzjoni.

Illi mic-certifikati medici tat-tobba li ezaminaw lill-partijiet u cioe Dr. Patrick Sciberras u Dr. John Xuereb Curmi jirrizulta illi kemm Vella kif ukoll Aufieri sofrew griehi ta' natura hafifa. Dawn il-griehi huma kompatibbli ma' glieda bejn tnejn minn nies, kif diga inghad. L-ebda wahda mill-griehi ma tidher illi hija xi *defensive wound* u li ghalhekk tista' twassal lil dina l-Qorti tistabilixxi illi xi wiehed mill-partijiet kien qed jipprova jilqa' ghad-daqqiet filwaqt li kien qed jigi aggrediet. Illi ghalkemm fl-akkuza hemm indikat illi John Vella sofra griehi ta' natura gravi, madanakollu dina l-akkuza ma hijiex sorretta bil-provi. Illi ma hemmx dubbju illi l-imputat gidem lil Vella f'idejh u f'subajgh fejn anke sarulu xi punti. L-imputat stess jammetti illi huwa gidem lil Vella. Dwar dan ma hemmx dubbju. Vella madanakollu isostni illi dawn il-griehi damu iktar minn tletin gurnata sabiex ifiequ. Illi Dr. Patrick Sciberras li ezamina lil Vella *a tempo vergine* isostni illi il-pazjent ma kellux ksur izda biss abrazjonijiet u grif. It-tabib matul il-kors tax-xhieda tieghu

jerga jezamina lill-parti leza u jirriskontra marki fuq subghajn Vella tan-naha tax-xellug u marka fuq idu il-leminija, izda ma huwiex kapaci jidentifika dawn il-marki bhala l-istess griehi li irriskontra *a tempo vergine*. Inoltre it-tabib ukoll isostni illi dawn il-griehi ma kenux kompatibbli ma' gidma billi il-qatghat kienu wisq linearji. Illi il-parti leza jezebixxi diversi certifikati medici fejn isostni illi huwa dam biex imur lura ghax-xoghol minhabba f'dawn il-griehi billi xogholu huwa fil-kostruzzjoni u kwindi ghandu bzonn l-uzu ta' idejh sabiex jaghmel ix-xoghol tieghu. Madanakollu dawn ic-certifikati medici li huma biss certifikati li jinharrgu mit-tobba in konnessjoni mal-impieg tal-pazjent jidentifikaw bhala ir-raguni il ghala l-pazjent ma setax jirritorna ghax-xoghol il-marda tad-*depression* u mhux il-feriti fl-idejn. Kwindi abbazi ta' dan il-kunflitt fil-provi, l-Qorti ser issib htija biss ghal offiza ta' natura hafifa.

Ikkunsidrat,

Illi kif diga inghad ma hemmx dubbju illi dan huwa kaz car ta' glieda bejn tnejn minn nies li kellhom certu antagonzimu bejniethom minhabba pendenzi li kellhom il-konfront ta' xulxin. Fil-fatt jirrizulta illi dana l-incident inqala' ezattament kif l-imputat u il-parti leza hargu mill-bini tal-Qorti f'Ghawdex fejn f'dik il-ghodwa kellhom is-smigh ta' kawza pendenti.  Illi kif diga inghad jirrizulta illi gew skambjati xi kummenti bejniethom fejn dawn it-tnejn minn nies spiccaw gew fl-idejn. Kwindi anke l-akkuzi kontravvenzjonali jirrizultaw ampjament ippruvati.

Illi dwar l-akkuza kontravvenzjonali tal-ksur tal-bon ordni u l-paci pubblika, l-Qorti sejra taghmel referenza ghal sentenza mohtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta' Novembru, 1999 fl-ismijiet 'Il-Pulizija versus Maria Concetta Green' (Volum LXXXIII Part IV paġina 441):
'*L-artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali jikkontempla r-reat komunement imsejjaħ 'breach of the peace'. L-elementi ta' dan ir-reat ġew eżaminati funditus f'diversi sentenzi u ġie ritenut li, bħala regola, ikun hemm din il-kontravenzjoni meta jkun hemm għemil volontarju li minnu nnifsu jew minħabba ċ-ċirkostanzi li fihom dak l-għamil iseħħ inissel imqar minimu ta' nkwiet jew tħassib f'moħħ persuna (li ma*

*tkunx l-akkużat jew l-imputat) dwar l-inkolumita' ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' proprjeta', kemm b'riżultat dirett ta' dak l-għamil jew minħabba l-possibilita' ta' reazzjoni għal dak l-għemil.*

Illi f'dana il-kaz ma kienx hemm biss l-iskambju ta' kliem bejn dawn it-tnejn minn nies, izda dana wassal sabiex dana l-argument żviluppa u wassal għal xi ħaġa oħra aktar serja ta' ġlied bl-idejn. Dana indubbjament jammonta għall-*breach of the peace* fis-sens tal-artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikolu 221, 338(dd), 339(1)(d) u 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tar-reat tal-offiza fuq il-persuna ta' John Vella ta' natura hafifa u issibu hati ukoll tat-tieni u it-tielet akkuzi migjuba il-konfront tieghu u tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' €100.

Inoltre wara li rat l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta torbot lil hati b'obbligazzjoni tieghu innifsu taht penali ta' €1000 sabiex izomm il-paci ma' John Vella u dana ghal zmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------